MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru 3/2005

**Marlene Mizzi**

**vs**

**Dr Agostino Pio Gatt**

Rat l-akkuzi intavolati fit-2 ta' Awissu 2005 mill-Puluizja fuq kwerela ta' Marlene Mizzi datata 30 ta' Lulju 2005 fejn l-akkuzat, Dr Agostino Pio Gatt, kien qieghed jigi akkuzat talli, permezz ta' intervista li giet ippubblikata u stampata fil-harga ta' The Times tal 1 ta' Lulju 2005 u intitolata "**No prospects for a National Shipping**' f'pagna 4 ta' dik il-gazzetta, attribwejt lill Marlene Mizzi fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew jesponuha ghar-redikolu jew id-disprezz tal-pubbliku bi ksur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, b'digriet tas-16 ta' Novembru 2005, wara kwerela addizzjonali datata 14 ta' Novembru 2005, zdiedu akkuzi ohra fil-konfront ta' l-akkuzat talli wkoll, fl-intervista fuq imsemmija u kif

stampata, tellef jew naqqas mill-gieh tal-kwerelanta u dana bi ksur ta' l-artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-Ligi, partikolarment l-Artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 kif ukoll il-Kap 248.

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2006 illi fiha l-akkuzat iddikjara illi kien ircieva l-komparixi kif korretta u kien eccepixxa illi ma kienx hati u li ma setax jigi citat taht il-Kap 248 u, ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi taht il-Kap 9, dina hija nulla ghax ma saritx kwerela.

Rat illi fil-15 ta' Frar 2006, il-Qorti ordnat illi xhieda moghtija quddiem il-Qorti Civili fuq kawza bl-istess meritu, Avviz Nru 433/05, tigi inserita fil-process.

Rat ix-xhieda tal-kwerelanta **Marlene Mizzi** moghtija fil-15 ta' Frar 2006 fejn ikkonfermat illi ghamlet kwerela addizzjonali ghall-akkuzi taht il-Kap 9.

Rat ix-xhieda tal-Ispettur **Pierre Micallef Grimaud** illi biha ikkonferma illi rceiva il-kwerela addizzjonali wkoll.

Rat ix-xhieda ta' Stephen Mallia u Dr Austin Gatt moghtija quddiem il-Qorti Civili fit 8 ta' Frar 2006.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkuzat relatata ma' l-ewwel akkuza intavolata a tenur tal-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta ippresentata fis 27 ta' Marzu 2006.

Rat ix-xhieda ta' **Stephen Mallia** moghtija quddiem il-Qorti fis 6 ta' Dicembru 2006 fejn ikkonferma ix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti Civili fuq imsemmija kif ukoll xehed ulterjorment u ikkonferma illi huwa kien gie mistieden mill-Ufficjal tal-Komunikazzjoni ta' l-akkuzat sabiex jaghmel intervista lill-akkuzat.

Rat ix-xhieda ta' **Marlene Mizzi** moghtija quddiem il-Qorti fis 6 ta' Dicembru 2006 fejn stqarret illi hija hasset ruhha malafamata mill-fatt illi l-akkuzay, dak iz-zmien Ministru, ghajjarha illi hija, bhala Chairman tas-Sea Malta, kienet berbqet flus il-poplu. Hija ziedet tghid li huwa kien ghamel tali asserzjonijiet fil-Parliament, izda dana huwa milqut bil-privilegg parliamentari u ghalhekk hux sidakabbli, u ikkonferma tali asserzjonijiet fl-intervista illi huwa kien ta fit-Times of Malta fl 1 ta' Lulju 2005, wara illi hija kienet tat intervista dwar tali

allegazzjonijiet fil-Malta Today ftit qabel u stedietu sabiex jirrepeti tali allegazzjonijiet fil-pubbliku. Hija sahqet li, bhala chairman ta' diversi kumpanniji ohra, tali asserzjonijiet da' parte ta' l-akkuzat setghu effettwaw negattivament l-integrita' professjonali taghha u l-posizzjoni taghha f'tali kumpanniji.

Rat illi, wara ghaxar seduti b'differimenti mitluba ta' natura differenti, fl 10 ta' Marzu 2010 xehedu Mark Bugeja, Joseph Apps, Joseph Bugeja, Marie Louise Galea u Ivan Falzon.

Rat ix-xhieda ta' **Mark Bugeja**, partner ma' Grant Thornton, li kienet l-awditur tas-socjeta Sea Malta, li kkonferma illi huwa qatt ma kellu xi problema sabiex jaccedi ghall-informazzjoni kollha tas-Sea Malta u qatt ma kien hemm xejn irregolari fl-accounts tal-kumpannija filwaqt illi sahaq illi, fix-xoghol tieghu, huwa ma jidholx fil-meritu jekk fondi gewx sparlpaljati jew le, izda biss fil-kontabbilita' tal-kumpannija.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Apps**, li kien impjegat tas-socjeta Sea Malta, mis-sena 1974 sas-sena 2005, u li kien il-financial controller tas-socjeta Sea Malta kif u koll is-Segretarju taghha. Huwa sahaq illi l-kumpannija kienet vijabbli u, filwaqt illi kellha snin fejn ghamlet telf, kien hemm snin ukoll illi ghamlet qliegh u, fl-ahhar snin, is-Sea Malta kienet ghamlet profitt u kienet giet imwieghda kapital mill-Ministru reponsabbli fis-sena 2001, John Dalli, sabiex tkompli tirpilja. Stqarr izda illi eventwalment inbidel il-Ministru responsabbli ghas-Sea Malta, u l-fondi mwieghda qatt ma gew. Ghalkemm is-socjeta kienet qed taghmel profitt, hija kienet qed tinghata 'letter of comfort' minghand il-Gvern sabiex taghmel tajjeb ghad-djun taghha u sabiex il-kotba kontabili taghha jigu approvati minn sena ghal sena, ghal liema fatt il-kwerelanta kienet toggezzjona regolarment peress illi kienet tinsisti li kellu jsir investiment kapitali ulterjuri imwieghed, liema insistenza kienet issir kemm fil-Bord, fejn kien hemm rappresentanti tal-Ministeru responsabbli mis-Sea Malta, kif ukoll mal-MIMCOL, shareholder principali ta' l-istess Sea Malta, u mal-Ministru kkoncernat. Huwa stqarr ukoll illi ghalkemm il-Ministeru responsabbli mis-Sea Malta kien mgharraf regolarment bl-ispejjez korrenti tas-Sea Malta, ebda irregolarita' ma qatt gie stabbilit. Madanakollu, huwa ftakar istanza fejn l-akkuzat, darba minnhon, oggezzjona ghal paga illi kienet qed tiehu l-kwerelanta bhala 'Executive Chairman', liema oggezzjoni izda giet irtirata meta intwera li dana kien gie approvat mill-precedessur tieghu, il-Professur Bonnici.

Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Bugeja**, li kien impjegat tas-Sea Malta ghal tnejn u tletin sena, u li kien il-General Manager ta-Sea Malta, li sahaq illi l-kumpannija, fl-ahhar snin, kienet qed topera bis-sahha ta’ ‘letter of comfort’, u ghalhekk, minghajrha, ma setghetx titqies bhala ‘a going concern’, jigifieri vijabbli ghax ma kellhiex mezzi finanzjarji biex tkompli l-operat taghha. Stqarr ukoll illi l-kwerelanta, fil-kapacita’ taghha ta’ Chairman tas-Sea Malta, kienet tinsisti sabiex jizdied il-kapital filwaqt illi stqarr illi huwa kellu access ghall-infieq kollu tal-operazzjoni tas-Sea Malta u ma kien hemm ebda infiq irregolari jew mhux f’loku fis-Sea Malta.

Rat ix-xhieda ta’ **Marie Louise Galea**, li kienet impjegata mas-socjeta Sea Malta bhala Assistant General Manager li stqarret li hija ‘certified accountant’ u, tul il-permanenza taghha mas-Sea Malta, qatt ma rat xejn irregolari fl-accounts tal-kumpannija u qatt ma issuspettat illi kien hemm xi sparpaljar ta’ flus.

Rat ix-xhieda ta’ **Ivan Falzon**, chairman tal-MIMCOL u tal-Malta Government Investments, kif ukoll, wara illi spiccat l-kwerelanta Marlene Mizzi bhala chairman, sar Chairman tal-kumpannija Sea Malta, li stqarr li l-MIMCOL, bhala azzjonista maggoritarja tas-SeaMalta, kienet tircievi r-rendikonti finanzjarji regolarment u, ghalkemm ma kienetx qed tiggenera profitt, ma kien jidher xejn irregolari fl-operat taghha. Huwa stqarr ukoll illi Marlene Mizzi, bhala chairman, kienet qed taghmel xogholha u kienet qed tipprova taghmlu mill-ahjar li tista, u di fatti hu flimkien maghha kien qieghed jahdem sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tal-kumpannija. Stqarr illi, in vista tas-sitwazzjoni mhux felici tal-kumpannija, kienu tqabbdu Grant Thornton sabiex jinvestigaw u jipprospettaw il-futur tal-kumpannija u dawna ikkonkludew illi ma setghux jaraw kif seta jitkabbar ix-xoghol u taw rizultat negattiv tal-kumpannija b’mod illi l-MIMCOL fehmet illi l-kumpannija ma setghetx tkompli topera. Stqarr ukoll illi huwa kien talab sabiex isir aktar investiment fis-Sea Malta sabiex terggha tqum fuq saqajha, izda tali talba giet respinta peress illi intqal li ma setghax jigi ravvizat possibilita’ li Sea Malta ddawwar ir-rotta taghha u tibda topera bi profitt. Ikkonferma, izda, illi qatt ma kellu rapport mill-Ministru dak iz-zmien inkarigat, ossija l-akkuzat, li l-kwerelanta kienet qed tisparpalja l-flus, izda l-unika kumment kien illi l-kumpannija ma setghetx tkompli sejjra kif kienet sejra.

Rat il-kontro ezami ta’ Marie Louise Galea moghtija fit 22 ta’ Gunju 2010 fejn ikkonfermat illi hija qatt ma rat ebda irregolaritajiet u li l-Ministru reponsabbli ghas-Sea Malta dak iz-zmien kien l-akkuzat.

Rat il-kontro ezami ta' Ivan Falzon moghtija fit 22 ta' Gunju 2010 fejn stqarr illi, mument minnhom, fis-sena 2004, il-kumpannija kienet irregistrat profitt in vista tal-valutazzjoni moghtija lill-vapur illi kellha, il-Maltese Falzon, li kien gie valutat fis-somma ta' hames miljun dollaru. Sussegwentement, f'Gunju 2005, regghet saret stima ohra mill-istess kumpannija stimatirici, tal-vapur, u din id-darba dina kienet ta' hames miljun u nofs Euro, u dana kien fil-periodu meta l-Euro kien aktar b'sahhtu mid-dollaru. Finalment, meta x-xhud kien Chairman tas-Sea Malta, huwa qabbad lill-kumpannija ohra, u dina stmat il-vapur fis-somma ta' hames miljun dollaru. Huwa stqarr illi, sakemm il-vapur eventwalment inbiegh  ghal hames miljun dollaru lill-Grimaldi, li inghatat il-linja li kienet topera is-Sea Malta, il-volum tax-xoghol kien qieghed jizdied. Eventwalment, il-kumpannija Sea Malta giet xolta. Ix-xhud, madanakollu, reggha sahaq illi qatt ma ra lill-kwerelanta tisparpalja xi flus u dejjem hadet parti attiva fit-tmexxija ta' l-intrapriza biex tavvanza l-interessi tas-Sea Malta.

Rat ix-xhieda ta' **Marlene Mizzi** moghtija fit 22 ta' Gunju 2010 fejn, filwaqt illi ippresentat l-ittra tar-rizenja illi hija kienet tat lill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dr Lawrence Gonzi, fl-20 ta' Gunju 2005, spjegat illi hija u l-Bord tas-Sea Malta ghamlu sforzi kbar sabiex jsalvaw il-kumpannija Sea Malta minkejja li ghal aktar minn erbghin darba, hija kienet ammoniet lill-awtoritajiet kompetenti li kellu bzonn isir investiment. Stqarret illi fis-sena 2001, meta il-Prim Ministru kien Dr Eddie Fenech Adami, huwa kien ta' struzzjonijiet lill-Ministru Prof Josef Bonnici u John Dalli, sabiex jghinu finanzjarjament lill-kumpannija u, ghalkemm huma kien ta' sostenn ghall-kumpannija u l-azzjonjiet illi kienet qed taghmel, stqarrew illi ghajnuna finanzjarja setghet tinghata izda mhux dak il-hin. Sussegwentement, kompliet tghid Marlene Mizzi, f'Mejju 2003, l-akkuzat kien sar Ministru u kien deher car mal-ewwel li Sea Malta ma kellha ebda futur u li kien ghamilha cara li ebda ghajnuna finanzjarja u kapitali ma kienet ser tinghata mill-Gvern peress illi qatt ma messu kien approvat. Hija stqarret li wara l-laqgha fejn l-akkuzat gharraf lill-kumpannija Sea Malta li l-Gvern ma kienx ser jaghti  finanzjamenti, hija kellha ftit laqghat ma' l-akkuzat u kull ma sabet hija u l-kumpannija Sea Malta kienu bsaten fir-roti. Hija stqarret li, mument minnhom, is-sitwazzjoni kienet aggravat u kienu ghaddejin trattativi ghal bejgh tal-kumpannija u hija kienet tgharraf lill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dr Lawrence Gonzi, dwar dak li kien qed jigri. Izda, fil-Parlament, l-akkuzat, bhala Ministru, fid 29 ta' April 2004 tkellem dwar is-Sea Malta kif ukoll hareg diversi stqarrijiet fis-sens illi s-Sea Malta kienet socjeta

inefficjenti u inutili u kienet ta' piz ghac-cittadin, u ghalhekk kellha tinbiegh. Meta rat hekk, Mizzi tistqarr illi hija ghamlet ittra ta' rizenja lill-Prim Ministru, fit 8 ta' Gunju 2005, u marret tippresentahielu izda dina ma gietx accettata mill-Prim MInistru u l-kabinet peress illi gharrfuha illi kellhom fiducja fiha u rieduha tibqa hemm, u ghalhekk hija irtitrat tali ittra. Madanakollu, jumejn wara, Mizzi issir taf mill-gazzetti illi sar ftehim dwar il-bejgh tas-Sea Malta minghajr ma hija jew il-Bord ma gew ikkonsultati u ghalhekk, fl-20 ta' Gunju 2005, ghaddiet ir-rizenja ufficjali taghha filwaqt illi sahqet illi ser tassikura li l-pubbliku jkun jaf il-fatti kollha tal-kaz. Hija ghalqet billi stqarret illi l-kontijiet tal-kumpannija kienu gew approvati mis-successur taghha, Ivan Falzon, fix-xhur ta' wara, u dina wriet profitt ta' kwart ta' miljun liri Maltin. Kieku l-kumpannija thalliet topera, kienet tirregistra aktar profitt fis-sena ta' wara izda l-akkuzat ghazel illi jillikwida ilkumpannija f'settembru 2005 sabiex huwa ma jaqax ghac-cajt wara l-istqarrijiet illi kien ghamel.

Rat il-kontro ezami ta' Mark Bugeja illi saret fil 11 ta' Jannar 2011 fejn stqarr illi filwaqt li meta Mizzi hadet it-tmexxija tas-Sea Malta, il-kumpannija kellha 'net current assets' u it-'total assets' li kienu fil-possittiv, f'Dicembru 2005, meta l-kumpannija tqieghdet in likwidazzjoni, kemm in-'net current assets' kif ukoll it-'total assets' kienu fin-negattiv. Huwa stqarr illi tali fatt, minn inniffsu, ma jfissirx illi l-kumpannija ma setghetx tibqa topera bhala 'going concern', peress illi jesistu indikaturi ohra li kellhom jigu kkunsidrati, bhalma huma jekk il-kredituri humiex disposti jaghtu aktar zmien ghal hlas tal-krediti taghhom jew jekk jinghatalhomx xi facilitajiet ta' krediti ohra. Madanakollu, il-fatt illi kemm in-'net current assets' kif ukoll it-'total assets' kienu fin-negattiv ghal periodu ta' snin kien indikattiv illi l-kumpannija kemm problemi serji bhala 'going concern'.

Rat ix-xhieda ta' l-akkuzat **Dr Austin Gatt**, moghtija fl 4 ta' Frar 2011 u fil 25 ta' Marzu 2011, fejn stqarr illi l-kumpannija Sea Malta kienet kumpannija li fiha l-Gvern Malti kellu maggoranza filwaqt illi l-ishma l-ohra kienu f'idejn il-Libyan National Shipping Line u it-Tunisian National Shipping Line. It-tmexxija taghha kienet f'idejn il-Bord li kienet immexxija minn Marlene Mizzi illi kienet appuntata minn Dr Alfred Sant f'April 1997, meta huwa kien Prim Ministru, u kkonfermata sussegwentement minn Prof Josef Bonnici, meta inbidel il-Gvern fis-sena 1998. Stqarr ukoll illi meta sar Ministru hu fit 2003 huwa ikkonferma in-nomina ta' Mizzi bhala Chairman. Stqarr illi meta sar Ministru hu, sab sitwazzjoni li kienet qed tipprokkupa il-Gvern tal-gurnata, u dana peress illi l-kumpannija ma kellhiex

bizzejjed assi sabiex taghmel tajjeb ghad-djun illi kellha u il-fatt li l-kumpannija kienet qed tigi finanzjata mill-Gvern kien qed ikollha impatt fuq id-dejn nazzjonali ta’ Malta. Stqarr illi meta Mizzi hadet it-tmexxija tal-kumpannija fis-sena 1997, il-kumpannija kellha deficit ta’ tlett mija u wiehed elf Euro filwaqt illi meta spiccat, dina kellha deficit ta’ zewgt miljuni u sitt mitt elf Euro u kien biss dovut ghal fatt illi l-Gvern kien johrog ‘letters of comfort’ illi l-umpannija baqghet topera. Stqarr illi ghalkemm qatt ma kellu problemi maghha dwar it-tmexxija tas-Sea Malta, id-differenzi illi kellhom kien dovut ghal fatt illi l-Gvern ried jipprivatizza s-Sea Malta in linea mal-politika ta’ privatizazzjoni illi kellu, filwaqt illi hija insistiet illi l-Gvern kellu jinvesti aktar fis-Sea Malta sabiex tkun vijabbli, kif kien wieghed.

Dwar il-proceduri mibdija kontrih quddiem dina l-Qorti, l-akkuzat sahaq illi bl-ebda mod ma kien qieghed jirreferi ghal mod kif kienet qed tmexxi l-kumpannija Mizzi meta intuzaw il-kliem ‘squandering’ ossija sparpaljar. Di fatti, huwa sahaq illi uza dawna l-kliem meta kien qieghed jirreferi ghas-sitwazzjoni kif kienet il-kumpannija taht it-tmexxija taghha, fejn mill-hazin marret ghal aghar u fejn huwa sahaq illi uhud jidefinixxu tali telf bhala ‘*normal business losses*’ filwaqt illi ohrajn jiddefinuh bhala ‘*squandering’*. Huwa sahaq illi, filwaqt illi l-interpretazzjoni tal-kelma ‘*squandering*’ hija soggetta ghall interpretazzjoni varja, insista illi l-konkluzjoni li wasslu ghaliha l-esperti kien illi l-kumpannija qatt ma kienet operazzjonalment vijabbli ghas-semplici raguni illi il-‘*cost of operations*’ tal-bahhara ma kienux kompetittivi meta mqabbla mal-paga ta’ bahhara barranin illi jithallsu terz jew kwart tal-paga. Hemm min jinterpreta l-infieq ta’ aktar flus fuq operazzjoni li qed taghmel it-telf bhala sussidju kummercjali filwaqt illi hemm nies ohra li jinterpretaw tali fatt bhala sparpaljar.

Semghet il-kontro ezami ta’ l-akkuzat Austin Gatt moghtija fl-20 ta’ Gunju 2012 fejn sahaq illi l-artikolu huwa car hafna dwar il-kliem illi uza u ghalhekk ma kellhux bzonn jghid x’ried ifisser bil-kliem ‘*squandering*’. Sahaq illi, bhalma gara fit-Tarzna, is-Sea Malta kienet qed tinghata ‘*letter of comfort*’ biex tibqa topera u kien ghalhekk li l-Kabinett tal-Gvern iddecieda illi jipprivatizza s-Sea Malta, bhalma gara bit-Tarzna.

Rat illi fis 16 ta’ Mejju 2013, id-difiza iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-akkuzat Austin Gatt ippresentata fl-24 ta’ Mejju 2013.

Rat illi sad-data ta' llum ebda Nota ta' sottomissjonijiet da' parte tal-kwerelanta Marlene Mizzi ma giet ippresentata u ghalhekk iddifferit il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni kollha meritu tal-kawza odjerna tirrigwarda kwistjoni illi kienet fegget fil-pubbliku ghal diversi xhur permezz tal-medja fiz-zmien ta' l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, u dana kien rigwardanti l-operat tas-Sea Malta, kumpannija li fiha l-Gvern kellu sehem maggoritarju, u l-privatizazzjoni taghha. Tali kwistjoni kien dovut principalment ghal fatt illi l-kwerelanta, Marlene Mizzi, Chairman ta' l-istess Sea Malta minn April 1997 sa Gunju 2005, kienet qieghda topponi ghall-privatizazzjoni ta' l-istess Sea Malta da parte tal-Gvern, u kienet qed tinsisti ma' l-istess Gvern illi huwa kellu jkompli jiffinanzja il-kumpannija sabiex dina tohrog mill-krizi finanzjarja illi kellha filwaqt illi l-akkuzat kien qed jinsisti illi kellha tigi privatizzata.

Il-kaz odjern jirrigwarda intervista illi l-kwerelant, dak iz-zmien Ministru ta' l-Investimenti tal-Gvern, u ghalhekk Ministru responsabbli ghal-kumpannija Sea Malta, kien ta' fuq il-gazzetta The Times, fl 1 ta' Lulju 2005.

Ikun opportun, ghall-beneficcju tal-kompletezza tas-sentenza, illi l-bran ta' l-intervista li dwaru qieghda toggezzjona l-kwerelanta Mizzi jigi riportat. Dana jghid is-segwenti:-

> ***Q: In an interview with the Times she (Marlene Mizzi) also invited you (Austin Gatt) to repeat an accusation you made in Parliament saying that she "squandered" public funds.***
>
> *A: I said that under her chairmanship, the net asset value, which was Lm1.8 million, has now been reduced to a net asset deficiency of around Lm1.4 million.*
>
> ***Q: So did she, or did she not, squander public funds?***

*A: If we go from a positive asset situation of Lm1,8 million to a net deficiency of Lm1.4 million, the conclusion is obvious.*

***Q: And what is it?***

*A: That she lost money, that she went from a net asset position to a net deficiency position.*

***Q: And that's squandering money?***

*A: There are some who would say it's squandering, there are some who say it's normal business losses. Everyone is free to define it as one wants.*

***Q: And how would you define it?***

*A: I would say it's a situation which should have been brought under control long before. And the only way to bring it under control was either to sell off the company when it was in a net asset position or change it drastically from day one.*

***Q: Wouldn't it have made more sense to get Sea Malta on its feet before selling it?***

*A: You cannot get Sea Malta on its feet. That is the problem. The problem is that, since 1997, on average it lost Lm0.5 million every year - profit and loss.*

**Ikkunsidrat**

Ikun opportun jigi nnutat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-proceduri odjerni huma proceduri kriminali u sommarji, ghalkemm hadu aktar minn tmien snin sabiex jinghalqu, u ghalhekk, il-Qorti, fil-konstatazzjonijiet taghha ghandha tkun sommarja kemm fil-hsieb kif ukoll in linea tal-akkuzi kriminali migjuba kontra l-akkuzat.

Fil-kaz odjern, l-akkuzi li saru kienu principalment tnejn, ossija talli offenda l-unur, l-fama ta' Marlene Mizzi u espona ghar-redikolu u disprezz fil-pubbliku l-istess Mizzi bi ksur tal-Kap 248, kif ukoll talli

tellef jew naqqas il-gieh ta' Mizzi bi ksur tal-Artikoli 252 (1) u (3) tal-Kap 9.

L-akkuzat, fid-difiza tieghu dwar l-ewwel akkuza, sahaq illi, peress illi l-intervista illi ta' l-akkuzat lill Stephen Mallia ta' The Times kienet wahda privata, allura, a tenur ta' l-artikolu 24A ma setghetx tittiehed azzjoni kriminali kontrieh peress illi ma saritx fil-pubbliku. Apparti minn hekk, jistqarr illi la darba huwa ma huwiex la l-awtur, u lanqas l-editur u wisq anqas ir-reponsabbli tal-pubblikazzjoni, a tenur tal-artikolu 23 proceduri kriminali kontra tieghu a tenur tal-Kap 248 ma setghux jittiehdu.

Il-Qorti tinnota illi, filwaqt illi huwa vera li l-akkuzat la huwa l-awtur u lanqas l-editur u wisq anqas ir-responsabbli tal-pubblikazzjoni fejn giet ippubblikata l-intervista tieghu, certament, ghalkemm id-diskors sar b'mod privat mal-gurnalist tat-Times, il-mod u l-intenzjoni wara tali diskors kien wiehed pubbliku, peress illi dina kienet intervista illi kienet intiza mill-akkuzat, dak inhar Ministru fil-Gvern, sabiex tigi pubblikata fil-gazzetta, ghal liema intervista l-istess gurnalist kien mistieden jattendi.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-akkuzat ta' intervista lill-gurnalist wara illi l-kwerelanta kienet harget intervista hija fuq gazzetta ohra dwar il-kwistjoni tas-Sea Malta ftit jiem qabel. Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi li politiku jiltaqa ma' gurnalist u jaghtih intervista hija sinjal car li dana kien qieghed isir unikament sabiex ikun jista jassikura illi l-veduti tieghu jigu trasmessi lill-pubbliku. Certament ma ghamilx intervista mal-gurnalist sabiex jitkellem fuq affarjiet privati u sabiex tibqa privata, kif donnu qed jimplika l-akkuzat.

Ghalhekk, id-diskors illi sar bejn l-akkuzat u il-gurnalist ghandu jitqies bhala pubbliku stante illi kien intiz specifikatament sabiex jigi pubblikat.

**Ikkunsidrat**

La darba gie ikkunsidrat dana il-punt, il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatti.

Kif korrettement gie rilevat fis-sottomissjoni ta' l-akkuzat, il-kwerelanta, Marlene Mizzi, kienet persuna pubblika, gia dak iz-zmien,

peress illi, fil-kapacita' taghha ta' Chairman tas-Sea Malta, kienet persuna pubblika u ghalhekk soggetta ghal kritika oghla minn dik ta' persuna privata.

Huwa korrett ukoll jinghad illi l-kritika kienet ta' interess pubbliku u li kienet ibbazata fuq fatti illi kienu sostanzjalment veri. Dana huwa dovut ghal fatt illi l-kumpannija Sea Malta, fil-mument illi saret l-intervista, kienet ghaddejja minn process ta' privatizazzjoni, u dana wara illi kienet ilha diversi snin titlef flus.

Li huwa, madanakollu, inkorret hija l-konkluzjoni milhuqa mill-akkuzat illi, minhabba f'tali fatti, l-kummenti tieghu ma kienux malafamanti fil-konfront tal-kwerelanta Marlene Mizzi.

Dana qieghed jinghad ghax, bil-qari tal-intervista kif moghtija mill-akkuzat u irrappurtata fil-gazzetti, il-qarrejj ordinarju huwa moghti stampa fejn jintwera li tul it-tmexxija tal-kumpannija da parte tal-kwerelanta Marlene Mizzi, il-kumpannija tilfet tlett miljun u mitejn elf Liri Maltin (Lm 3,200,000) u dana rizultat ta' "*squandering (of) public funds*" da parte taghha. Dana qieghed jinghad ghax meta il-gurnalist staqsa lill-akkuzat carament "*so did she, or did she not squander public funds?*", huwa staqrr illi la darba minn sitwazzjoni posittiva meta bdiet hi issa hemm sitwazzjoni negattiva, "*the conclusion is obvious*". U il-konkluzjoni tieghu kienet illi Marlene Mizzi kienet responsabbli talli berqet u sparpaljat il-flus, akkuza tqila u li ghaliha l-akkuzat kellu jaghmel ferm aktar sforz biex jispjega kif wasal ghaliha u mhux biss jghid illi la darba issa hemm telf, allura hi sparpaljat il-flus.

Il-Qorti tinnota wkoll illi, fl-intervista kollha, l-akkuzat qatt ma' jghid illi l-Ministru precendenti u il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien kienu, snin qabel, taw l-assikurazzjoni taghhom lill-kwerelanta li kienu ser jaraw kif ser jaghmlu biex igibu il-kumpannija Sea Malta fi stat finanzjarment vijabbli.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-intervista kollha l-akkuzat naqas milli jghid illi, fis-sentejn ta' qabel, il-kumpannija kienet qieghda taghmel profitt fl-operazzjoni taghha, kif ikkonfermat mill-esperti imqabbda mill-akkuzat stess sabiex jevalwaw il-kumpannija. Minflok, insista illi mis-sena 1997, jigifieri minn meta il-kumpannija kienet fit-tmexxija ta' Marlene Mizzi, il-kumpannija kienet bdiet taghmel telf ta' nofs miljun liri Maltin fis-sena.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, ghalkemm huwa minnu li s-sitwazzjoni tas-Sea Malta kienet wahda finanzjarjament prekarja u li, probabilment, tenut kont tad-deficit illi kellha l-kumpannija, il-bejgh ta' l-istess kumpannija kienet l-ahjar soluzzjoni illi seta jara il-Gvern tal-gurnata dak iz-zmien, hareg car mill-intervista illi, ghalkemm jibda biex jghid li "*I do not believe Marlene Mizzi was doing badly*", jghaddi biex imbghad jaghti stampa tal-kumpannija Sea Malta u jindika figuri u fatti li, wahdehom, jaghtu wiehed x'jifhem illi l-problema kollha tas-Sea Malta inqalghet kemm ilha tiehu hsiebha Marlene Mizzi.

Illi ghalhekk, il-mod kif l-akkuzat iddeskriva lill-kwerelanta Marlene Mizzi u l-fatti li huwa semma kif ukoll il-kuntest li fihom huwa qalhom, tenut kont ta' l-istqarrijiet illi Mizzi kienet ghamlet fuq ilkwistjoni ftit jiem qabel, juru illi dawna kienu intizi unikament sabiex joffendu l-unur u l-fama taghha u jesponuha ghar-redikolu jew disprezz tal-qarrejj ordinarju u ghalhekk l-akkuzi kif dedotti jirrizultaw ippruvat.

Fic-cirkostanzi

Il-Qorti issib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u timmultah multa ta' elf Euro (€1,000)

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------